VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19, 107, 9 ta' Lulju, 2013
Taqsima B

A.L. 179 tal-2013

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regolamenti tal-2013 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Direttivi tal-Unjoni Ewropea

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 52B u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru għall-Finanzi għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2013 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Direttivi tal-Unjoni Ewropea, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Direttivi tal-Unjoni Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 123.74

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju, 2013.

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

"Ikollhom effett id-Direttivi fil-qasam tat-tassazzjoni.

6. Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/13/EU tat-13 ta' Mejju 2013 li tadatta ċerti direttivi fil-qasam tat-tassazzjoni minħabba fl-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja għandha jkollha effett fir-rigward tal-Atti dwar it-Taxxi rigward id-direttivi li ġejjin:

(a) id-Direttiva tal-Kunsill 2003/49/KE tat-3 ta' Ġunju, 2003 dwar sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għal ħlasijiet ta' mgħax u *royalties* magħmulin bejn kumpanniji assoċjati ta' Stati Membri differenti;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) id-Direttiva tal-Kunsill 2009/133/KE tad-19 ta' Ottubru 2009 dwar sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għall-amalgamazzjonijiet, diviżjonijiet, diviżjonijiet parzjali, trasferiment ta' attiv u skambju ta' azzjonijiet li jirrigwardaw kumpanniji ta' Stati Membri differenti u għat-trasferiment tal-uffiċċju reġistrat ta' SE jew SCE bejn Stati Membri; u

(ċ) id-Direttiva tal-Kunsill 2011/96/UE tat-30 ta' Novembru 2011 dwar is-sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli fil-każ ta' kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti.".